## PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Ġuramentat Nru **1243/21 AD**

## AVUKAT DR ARTHUR AZZOPARDI LL.D. (K.I. 77479M)
## BHALA MANDATARJU SPECJALI TA'
## INIM ELECTRONIC S.R.L., B'ISKRIZZJONI FIR-REGISTRU
## DELLE IMPRESE DELLE MARCHE DI ASCOLI PICENO
## NUMRU 01855460448, R.E.A. NUMRU AP-178890

**VS**

## BD ELECTRONICS LIMITED (C70961)

**Seduta ta' nhar Il-Hamis, 24 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali wara talba għal hlas ta' somma fl-ammont ta' erbgha u hamsin elf, disa' mija u tnejn u sittin ewro (Eur54,962.00) rapprezentantanti l-import imhallas minn INIM Electronics s.r.l. lis-socjeta' intimata ghall-akkwist u shipment ta' numru ta' *electronic components* liema *electronic components* qatt ma gew kkonsenjati lis-socjeta' rikorrenti, u ordni sabiex jitħallas l-istess ammont, liema talba saret

permezz ta' rikors tal-Avukat Dottor Arthur Azzopardi bhala mandatarju specjali ta' INIM Electronic s.r.l. preżentat fis-sittax (16) ta' Dicembru 2021 ai termini tal-Artikoli 167 *et seq* tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

**Preliminari**

2. Permezz ta' rikors ġuramentat preżentat nhar is-sittax (16) ta' Dicembru 2021, l-Avukat Dottor Arthur Azzopardi kif debitament awtorizzat, ikkonferma bil-ġurament tiegħu is-segwenti:

   a. Fl-10 ta' Awwissu 2021, l-intimata forniet lir-rikorrenti INIM Electronics s.r.l bi *quote* (numru #Q1010438) ghall-akkwist u shipment ta' numru ta' *electronic components,* versu l-prezz glabli (inkluz *surcharge*) ta' Eur54,962.00. Ir-rikorrenti INIM Electronics s.r.l. accettat din il-*quote* – dok 'A'.

   b. Fl-24 ta' Awwissu 2021, ir-rikorrenti INIM Electronics s.r.l. issaldat dan l-import ta' Eur54,962.00 lill-intimata – dok 'B'.

   c. Minkejja l-fatt li l-intimata rceviet dan l-import, ossia dan il-hlas, ir-rikorrenti qatt ma' rceviet l-*electronic components* mertu tal-akkwist.

   d. Interpellata tirrifondi l-import ta' Eur54,962.00, l-intimata baqghet inadempjenti – dok 'C'.

   e. Dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut; l-intimata ma ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti u ghaldaqstant il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-Artikolu 167 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

   f. Ir-rikorenti tiddikjara li taf personalment b'dawn il-fatti kollha.

   g. Ghar-ragunijiet premessi kellhom jigu stitwiti dawn il-proceduri.

3. Għaldaqstant, l-attur nomine talab lil din il-Qorti sabiex:

(i) Taqta’ u tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta’ l-Art. 167 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

(ii) Tikkundanna, ghar-ragunijiet premessi, lill-intimata sabiex thallas lir-rikorrenti s-somma kumplessiva ta’ erbgha u hamsin elf, disa’ mija u tnejn u sittin ewro (Eur54,962.00), liema somma tirraprezenta l-import imhallas minn INIM Electronics s.r.l. lill-intimata kif fuq spjegat.

Bl-imghax legali mill-24 ta’ Awwissu 2021, sad-data tal-effettiv pagament, u bl-ispejjez, kontra l-intimata illi hija minn issa nguta ghas-subizzjoni.

B’rizerva ta’ kull jedd spettanti lil INIM Electronics s.r.l.

**Il-Qorti**

4. Reġgħet rat ir-rikors ġuramentat tal-Avukat Dottor Arthur Azzopardi LL.D. bhala mandatarju specjali ta’ INIM Electronics s.r.l. datat sittax (16) ta’ Dicembru 2021;

5. Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors, u cioe *quote* (numru #Q1010438) ghall-akkwist u shipment ta’ numru ta’ *electronic components* (**Dok A**), hlas a saldu tal-import ta’ Eur 54,962.00 lill-intimata (**Dok B**), korrispondenza skambjata bejn il-kontendenti (**Dok. C**) u prokura specjali (**Dok. D**).

6. Reġgħet rat id-digriet tagħha stess tas-sebgha u ghoxrin (27) ta’ Dicembru 2021 illi permezz tiegħu appuntat il-kawża għas-seduta tal-Hamis tlettax (13) ta’ Jannar 2022.

7. Rat illi fis-seduta tat-13 ta' Jannar 2022, il-Qorti halliet il-kawza ghan-notifika tas-socjeta' intimata ghat-8 ta' Frar 2022 u rat ukoll illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2022 il-kawza regghet giet differita ghall-15 ta' Marzu 2022 ghan-notifika tal-atti tal-kawza lid-Direttur tal-kumpanija intimata, lill-*legal representative* u lill-*judicial representative* tas-socjeta' intimata.

8. Rat illi fis-seduta tal-15 ta' Marzu 2022, il-Qorti halliet il-kawza ghan-notifika tas-socjeta' intimata ghad-19 ta' Mejju 2022 bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali wahda.

9. Rat illi s-socjeta' intimata giet notifikata bir-rikors guramentat, bid-digriet tal-appuntament tal-kawza u bl-avviz tas-smiegh tal-kawza fl-1 ta' April 2022 fejn thalliet kopja tal-istess fl-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan, fil-Kunsill ta' San Giljan u fil-fond tas-socjeta' intimata skond riferta tal-marixxall John Francica (a fol. 31 tergo tal-atti).

10. Rat illi fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, il-kawza thalliet ghall-24 ta' Gunju 2022 ghan-notifika tas-socjtea' intimata bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u f'gazzetta lokali.

11. Rat illi s-socjeta' intimata giet notifikata permezz tal-Gazzetta tal-Gvern datata 5 ta' April 2022 u sussegwentement giet notifikata wkoll permezz tal-pubblikazzjoni fil-gazzetta n-Nazzjon datata 1 ta' Gunju 2022.

12. Rat illi fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2022 is-socjeta' konvenuta msejha diversi drabi ma dehritx.

13. Rat l-Artikolu 170(1) tal-Kap 12;

14. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet Legali**

15. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda l-**ewwel talba** tar-rikorrent nomine, il-Qorti tinnota illi kien minħabba illi s-socjeta' intimata kienet għadha ma ġietx notifikata bir-rikors ġuramentat illi ma ngħatatx sentenza waqt is-seduta tat-13 ta' Jannar 2022. In oltre, lanqas kien għadu ġie notifikat sas-seduta tad-19 ta' Mejju 2022, u kien għalhekk illi l-Qorti kellha tiddiferixxi l-kawża għal darb'oħra.

16. Fit-tieni lok, in konsiderazzjoni tan-nuqqas ta' kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta sabiex il-kawża tinstema' bid-dispensa tas-smiegħ, il-Qorti tqis illi l-ewwel talba tar-rikorrenti għandha tintlaqa';

17. Fit-tielet lok, il-Qorti tqis illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' intimata hija debitrici tas-socjeta' attrici fis-somma ta' erbgha u hamsin elf, disa' mija u tnejn u sittin ewro (Eur54,962.00) rapprezentantanti l-import imhallas mis-socjeta' rikorrenti lis-socjeta' intimata.

18. Il-Qorti tqis ukoll illi jista' jitqies sodisfaċentement pruvat il-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset milli tħallas lis-socjeta' attriċi l-istess ammont u dan skont dak indikat u konfermat bil-ġurament minn Dr Arthur Azzopardi in raprezentanza tas-socjeta' attricill-attriċi liema fatt <u>ma ġiex kontestat mis-socjeta' konvenuta minkejja illi ngħatat minn din il-Qorti l-possibilta' kollha mogħtija lilu mil-liġi sabiex tagħmel dan</u>;

19. In vista ta' dak kollu suespost, din il-Qorti tikkonkludi illi t-talba tas-socjeta' rikorrenti għall-ħlas tal-ammont indikat aktar il-fuq hija ġustifikata stante illi tirriżulta pruvata;

20. F'dak illi jirrigwarda t-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-imgħaxijiet legali, il-Qorti tinnota illi l-Artikolu 1141 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi illi:

> *(1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew jgħaddu*

*ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.*

*(2) F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom jgħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*

21. Il-każ odjern si tratta dwar import ta' merkanzija u ghalhekk obligazzjoni ta' natura kummercjali u jinkwadra ruħu fis-sub-inċiż (1) suċitat.

**Decide**

22. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

(i) **Tilqa'** l-ewwel talba attriċi, u, konsegwentement,

(ii) **Tilqa'** t-tieni talba tar-rikorrent nomine u **tordna** lis-socjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attrici s-somma erbgha u hamsin elf, disa' mija u tnejn u sittin ewro (Eur54,962.00) bl-imgħaxijiet legali mill-24 ta' Awwissu 2021 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjeż a karigu tas-socjeta' intimata BD Electronics Limited.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**PL Carina Abdilla**
**Deputat Reġistratur**